IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.11.2025
COM(2025) 729 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċitar tas-setgħa mogħtija lill-Kummissjoni li tadotta l-atti delegati skont ir-Regolament (UE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċitar tas-setgħa mogħtija lill-Kummissjoni li tadotta l-atti delegati skont ir-Regolament (UE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament (UE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2011 dwar l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu([1]) ("ir-Regolament") stabbilixxa qafas komuni għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid sistematiċi tal-istatistika dwar it-turiżmu fl-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta l-atti delegati li:

- jemendaw id-definizzjonijiet sabiex jirriflettu l-bidliet fid-definizzjonijiet internazzjonali (l-Artikolu 2(2));
- jemendaw l-iskadenzi għat-trażmissjoni tad-data sabiex jitqiesu l-iżviluppi ekonomiċi, soċjali u tekniċi (l-Artikolu 9(5)); u
- jadattaw l-Annessi sabiex jitqiesu l-iżviluppi ekonomiċi, soċjali u tekniċi. Madankollu, il-Kummissjoni ma tistax tibdel id-dispożizzjonijiet fl-Annessi li jagħmlu d-data meħtieġa fakultattiva u li jillimitaw l-ambitu tagħha (l-Artikolu 3(2)).

Barra minn hekk, ir-Regolament jenfasizza l-importanza li qabel tadotta l-atti delegati, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, anke fil-livell tal-esperti.

2. BAŻI LEGALI

L-Artikolu 11(2) tar-Regolament jagħti lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta l-atti delegati għal perjodu ta' 5 snin mill-11 ta' Awwissu 2011. Din is-setgħa tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ulterjuri ta' 5 snin, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma joġġezzjonawx għal tali estensjoni mill-inqas 3 xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

Il-Kummissjoni meħtieġa tfassal rapport dwar id-delega tas-setgħa mill-inqas 9 xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' 5 snin. Dan ir-rapport jissodisfa dan ir-rekwiżit.

L-ewwel rapport, li jkopri l-perjodu 2011–2015, ġie adottat f'Jannar 2016([2]).

It-tieni rapport, li jkopri l-perjodu 2016–2020, ġie adottat fi Frar 2021([3]).

---

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2011 dwar l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 95/57/KE (ĠU L 192, 22.7.2011, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/692/oj).

[2] COM(2016) 4 tal-20.1.2016; https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52016DC0004.

[3] COM(2021) 86 tal-25.2.2021; https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52021DC0086.

3. EŻERĊITAR TAS-SETGĦAT DELEGATI SKONT IR-REGOLAMENT (UE) NRU 692/2011

Fil-perjodu 2011–2015, il-Kummissjoni adottat att delegat wieħed: ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 253/2013([4]).

Fil-perjodu 2016–2020, il-Kummissjoni adottat żewġ atti delegati: ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1681([5]) u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1569([6]).

Mill-2021 'l hawn, il-Kummissjoni ma eżerċitatx is-setgħa li tadotta l-atti delegati mogħtija lilha mir-Regolament (UE) Nru 692/2011.

4. KONKLUŻJONI

Mir-rapport preċedenti 'l hawn, il-Kummissjoni ma eżerċitatx is-setgħat delegati mogħtija lilha mir-Regolament (UE) Nru 692/2011.

Madankollu, il-Kummissjoni jidhrilha li għandha żżomm dawn is-setgħat delegati, peress li fil-futur jaf ikollha bżonn (kif ġara fil-perjodi preċedenti) tadotta l-atti delegati biex iżżomm l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu f'konformità mad-definizzjonijiet internazzjonali jew biex tqis l-iżviluppi ekonomiċi, soċjali u tekniċi.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jieħdu nota ta' dan ir-rapport.

[4] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 253/2013 tal-15 ta' Jannar 2013 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-adattamenti wara r-reviżjoni tal-Istandard Internazzjonali għall-Klassifikazzjoni tal-Edukazzjoni ISCED fir-rigward tal-fatturi varjabbli u l-analiżijiet li għandhom jiġu sottomessi (ĠU L 79, 21.3.2013, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2013/253/oj).

[5] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1681 tal-1 ta' Awwissu 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu, fir-rigward tal-iskadenzi għat-trażmissjoni u l-adattament tal-Annessi I u II (ĠU L 258, 9.10.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/1681/oj).

[6] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1569 tat-23 ta' Lulju 2020 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, dwar il-klassifikazzjoni tal-pajjiżi tar-residenza tal-ospiti li jkunu qed joqogħdu fi stabbilimenti għall-akkomodazzjoni turistika fil-kuntest tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni (ĠU L 359, 29.10.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/1569/oj).